MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1261/1998/1

**Allfreight Limited**

**vs**

**Regina Bianca Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet :

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici taghha fl-ammont ta` elfejn, hames mija u hamsa u sittin lira maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm2565.97) konsistenti fil-bilanc tal-hlas ta` "freight forwarding u clearing services", u spejjez accessorji u ancillari, liema servizzi gew rezi lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici fuq ordni u inkarigu ta`l-istess socjeta` konvenuta;.

Illi ghalkemm mitluba diversi drabi biex thallas, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi l-kreditu tas-socjeta`attrici fis-somma ta` Lm2565.97 huwa cert, likwidu u esigibbili, u safejn taf is-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta ma ghandha ebda difiza valida opponibbili f`din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta` dik is-somma, u dan kif jidher mill-affidavit ta` Maurice Spiteri, ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici, hawn anness dokument ittra “A”;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

ma ghandhiex din il-Qorti taghti sentenza u tilqa` t-talba tas-socjeta attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta` l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta); u

hekk tikkundanna minnufih lis-socjeta konvenuta thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta` Lm2565.97 hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar il-fuq;.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluz dawk ta` l-ittra ufficjali ta` l-4 ta` Mejju, 1998, tal-mandat ta` sekwestru u l-mandat ta` qbid mahruga kontemporanjament ma dan l-att ta` citazzjoni, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lists tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn gie eccepit :-

Illi, in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 544 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13);

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma f`kull kaz infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza oderjna, is-socjeta` attrici tinsab debitrici lejn is-socjeta` konvenuta f`somma akbar minn dik attwalment pretiza fic-citazzjoni odjerna. Ghalhekk, fi kwalunkwe kaz, kull ammont semmai dovut lis-socjeta` attrici gie pacjut *ex lege* ma dik il-parti mis-somma akbar dovuta mill-istess socjeta` attrici lis-socjeta` esponenti;

Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet hawn fuq sollevati, is-somma mitluba mis-socjeta` attrici hija eccessiva, kif jigi pprivat aktar dettaljatament fil-kors tal-provi f`din il-kawza;.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista ta-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta` elfejn, hames mija u hamsa u sittin lira maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm2565.97) bilanc dovut ghal servizzi ta' "freight forwarding u clearing" u spejjez relatati rezi fuq ordni u inkarigu ta`l-istess socjeta` konvenuta. F'din il-procedura s-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas l-imsemmi ammont;

Is-socjeta` konvenuta qed teccepixxi li din l-azzjoni hi preskritta a tenur tal-artikolu 544 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap.13). Teccepixxi ukoll li s-socjeta` attrici hi debitrici

taghha f`somma akbar minn dik mitluba u ghalhekk kull ammont semmai dovut lis-socjeta` attrici gie pacjut *ex lege* ma dak li hu dovut mill-istess socjeta attrici. Finalment teccepixxi li s-somma mitluba hi eccessiva;

Fid-dikjarazzjoni taghha s-socjeta konvenuta tispecifika li s-socjeta` attrici ghandha tirrifondi somom ta` flus imhallsa lis-socjeta attrici sabiex din tiddeposithom mal-Kontrollur tad-Dwana in konnessjoni ma diversi konsenji importati u dawn l-istess depositi gew imhallsa lura lis-socjeta` attrici mill-Kontrollur tad-Dwana;

Is-socjeta konvenuta fl-ewwel lok qed teccepixxi li din l-azzjoni hi preskritta skond l-artikolu 544 tal-Kapitolu 13 cioe' tal-Kodici tal-Kummerc. Is-socjeta konvenuta ma specifikatx ghall-liema sub-artikolu tal-istess artikolu 544 hi qed tghamel referenza. Iz-zewg sub-artikoli li jistghu semmai jkunu applikabbli huma s-sub-artikoli (a) u (e) tal-istess artikolu;

Dawn iz-zewg sub-artikoli jipprovdu ghal preskrizzjoni gheluq sena. Is-sub-artikolu (a) jipprovdi li kull azzjoni ghall-hlas ta nol taqa wara sena li jispicca l-vjagg. Is-subartikolu (e) tal-istess artikolu jipprovdi li kull azzjoni ghall-kunsinna ta' merkanzija taqa wara sena minn dak in-nhar li jasal il-bastiment;

Jirrizulta li din l-azzjoni saret entro sena min meta sar l-ahhar hlas akkont minn naha tas-socjeta konvenuta. Ghalhekk, irrispettivament jekk dawn il-provedimenti ghandhomx japplikaw jew le ghal din l-azzjoni, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta konvenuta ma tista qatt tigi akkolta. Konsegwentement l-istess eccezzjoni trid tigi rigettata;

Direttur tas-socjeta attrici kkonferma li b'kollox f'periodu ta' circa sena l-istess socjeta attrici kienet involuta fil-garr ta' merkanzija tas-socjeta konvenuta minn barra ghall hawn Malta xi seba u sittin (67) darba. In vista ta' dan il-fatt kien hemm speci ta' kont kurrenti bejn il-kontendenti u cioe' s-socjeta attrici kienet tghati s-servizzi taghha lis-socjeta

konvenuta li, da parti taghha kull tant. kienet tghamel hlas akkont ta’ dak li kien dovut;

L-istess direttur ikkonferma ukoll li l-ammont indikat fic-citazzjoni hu l-bilanc li ghadu dovut mis-socjeta konvenuta. Dwar l-ammonti li s-socjeta konvenuta tippretendi li ghad iridu jigu rifuzi lilha mis-socjeta attrici, dan l-istess xhud ghamel referenza ghall-ammont ta’ elf lira maltin (Lm1000) li kien thallas lid-Dwana ta’ Malta bhala depositu;

L-istess xhud kompla jghid li dan l-ammont thallas lura mid-Dwana direttament lis-socjeta konvenuta meta l-istess depositu kien sar b’fondi tas-socjeta attrici. Ghalhekk dan l-ammont hu, in effett, inkluz fis-somma li qed tintalab;

F’dan ir-rigward giet prodotta kopja fotostatika tac-cekk li bih gie mhallas l-imsemmi depositu lis-socjeta konvenuta. Jidher ukoll li efettivament dan ic-cekk gie msarraf mis-socjeta konvenuta. Ghalhekk dak li qal ix-xhud dwar dan id-depositu jirrizulta li hu minnu;

F’dan ir-rigward is-socjeta konvenuta ma gabet ebda prova rilevanti u ghalhekk ma jistax jinghad li jirrizulta li s-socjeta` attrici hi b’xi mod debitrici tal-istess socjeta konvenuta. Lanqas ma jirrizulta li s-somma mitluba hi eccessiva;

In vista ta’ dan kollu l-eccezzjonijiet kolha tas-socjeta konvenuta ghandhom jigu rigettati. Minn naha l-ohra, fid-dawl tal-provi kollha prodotti, t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u b’hekk tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` elfejn hames mija u hamsa u sittin liri maltin u seba u disghin centezmi (Lm2565.97)

ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lis-socjeta konvenuta sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------